# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Nru: 386/01 AJD**
**Josephine Cacciattolo**

**vs**

**Hubert Montesin u b'digriet tal-24 ta' Ottubru 2001 giet kjamata in kawza Romina Montesin, mart il-konvenut**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Gunju 2001 fejn l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm171.46) dovuti, in kwantu ghal sitta u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm56.46) dovuti ghal appogg, ossia kumpens wara appogg ezercitat mill-konvenut mal-fond propjeta' tal-attrici skond stima annessa mal-Avviz u mmarkata bhala Dok. 'A', u s-somma ta' mija u hmistax il-lira Maltin (Lm115.00) rapprezentanti danni kawzati

fil-propjeta' tal-attrici waqt xoghlijiet ta' rikostruzzjoni maghmula mill-konvenut fil-propjjeta' tieghu.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-2 ta' Novembru 2000, u tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Marzu 2000, u tad-9 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-kovenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:

1. In linea preliminari, l-konvenut huwa ragel legalment mizzewweg u l-propjeta' mmobiljari 'de quo' hija kompropjeta' tal-konvenut u tal-mara tieghu sa minn qaabel ma zzewgu u ghalhekk in-nullita' tal-Avviz.
2. In linea preliminari wkoll, l-inkompetenza tat-Tribunal 'rationeae materiae ghal ragunijiet li jsiru sottomissjonijiet dwarhom waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. In linea preliminari wkoll in-nullita' tal-azzjoni stante konfuzjoni fil-mertu u kwindi provi totalment differenti li jridu jitressqu billi m'hemmx rabta bejn kumpens ta' appoggg u talba ghad-danni.
4. In-nullita' tac-citazzjoni billi l-ammonti mitluba jirraprezentaw fehma ta' parti wahda u kwindi jkunu minghajr pregudizzju jitqabdu periti teknici ghall-iskopijiet ta' likwidazzjoni, u ghalhekk l-ammont allegatament dovut huwa totalment respint da parti tal-konvenut minghajr pregudizzju.
5. Illi fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bhala nfondati legalment u fattwalment.
6. Illi fic-cirkostanzi l-konvenut m'ghandux ibati ebda forma ta' spejjes.

Ra d-digriet tal-24 ta' Ottubru 2001 fejn giet ordnata l-kjamata in kawza ta' Romina Montesin.

Ra r-risposta tal-kjamata in kawza Romina Montesin Buttigieg fejn hija eccepiet is-segwnti:

1. In linea preliminari, li hija m'ghandha tbati ebda spejjes billi huwa ovvju li l-ispejjes odjerni saru wara li zewgha gibed l-attenzjoni ta' dan it-Tribunal li huwa ragel legalment mizzewweg u li l-propjeta' mmobiljari 'de quo' kienet kompropjeta' tal-intimati sa minn qabel ma zzewgu u ghalhekk l-fatt li l-intimata giet issa kjamata in kawza bl-ebda mod m'ghandu jnehhi l-piz tal-attrici li taghmel tajjeb ghall-ispejjes li kelllha taghmel minhabba n-nuqqasijiet da parti tal-attrici.
2. Illi wkoll in linea preliminari, l-konvenuti m'ghandhomx 'locus stand' f'din il-kawza u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kollha minhabba l-fatt li huma m'humiex il-propjetarji tal-fond 15, Triq il-Bir tal-Iljun, Rabat u kwindi l-kawza ghandha tieqaf f'dan l-istadju minhgajr ma jigu nkorsi aktar spejjes mhux mehtiega li f'kull kaz ghandhom jigu sofferti mill-attrici.
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja' sollevti, l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal 'rationae materiae' u 'rationae lege' ghal ragunijiet ovvji imma li dwarhom ser issir aktar elaborazzjoni jekk kun il-kaz permezz ta' sottomissjonijiet fil-mori tal-kawza jekk dan it-Tribunal jidhirlu li dain il-kawza ghandha tkompli titwal aktar minhabba l-eccezzjonijiet legalment u fatwalment fondatissimi li qeghdin jissollevaw il-konvenuti Montesin.

4. In linea preliminari wkoll, in-nullita' tal-azzjoni stante konfuzjoni fil-mertu u kwindi provi totalment differenti li jridu jitressqu billi m'hemmx rabta bejn kumpens ta' appoggg u talba ghad-danni.
5. In-nullita' tac-citazzjoni billi l-ammonti mitluba jirraprezentaw fehma ta' parti wahda u kwindi jkunu minghajr pregudizzju jitqabdu periti teknici ghall-iskopijiet ta' likwidazzjoni, u ghalhekk l-ammont allegatament dovut huwa totalment respint da parti tal-konvenuti minghajr pregudizzju.
6. Illi fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bhala nfondati legalment u fattwalment.
7. Illi fic-cirkostanzi rizultanti minn dawn l-eccezzjoniet odjerni, l-konvenuti m'ghandhomx ibatu ebda forma ta' spejjes ghal ragunijiet ovvji li jigu elaborati aktar fid-dettall fil-mori ta' din il-kawza.
8. Illi b'hekk l-attrici ghandha taghraf tirregola ruhha biex ma tinkorriex aktar spejjes bla bzonn u aktar hela ta' hin ghal dan it-Tribunal.

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Frar 2002 fejn l-attrici cediet it-talba taghha ta' mija u hmistax il-lira Maltin (Lm115.00) in kwantu jirrigwarda d-danni u konsegwentement irriduciet it-talba taghha ghal sitta u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm56.46) dovuti ghall-appogg.

Sema' x-xhieda tal-attrici, tal-Perit Joseph Delia, tal-konvenut Hubert Montesin u tal-kjamata in kawza Romina Montesin. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-konvenut u l-kjamata in kawza ssollevaw numru sostanzjali ta’ eccezzjonijiet preliminari li kif ser jigi spjegat aktar l-isfel huma infondati u ntizi biss sabiex jahlu l-hin ta’ dan it-Tribunal stante li una volta li dawn l-eccezzjonijiet gew sollevati huwa jrid bilfors jiddeciedi dwarhom. L-Artikolu 9(2) tal-Kap. 380 jistabbilixxi li l-proceduri quddiem dan it-Tribunal ghandhom ikunu sommarji u ghandhom jigu decizi fl-aqsar zmien possibbli. Il-multitudini tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u l-kjamata in kawza rrendew dan l-ezercizzju mpossibbli.

Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut fir-risposta tieghu giet sorvolata bid-digriet ta’ dan it-Tribunal tal-24 ta’ Ottubru 2001 fwjn giet ordnata il-kjamata in kawza ta’ Romina Montesin, mart il-konvenut.

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha, l-kjamata in kawza tikkontendi li meta ntavolat il-kawza odjerna l-attrici kienet a konoxxenza tal-fatt li l-konvenut kien mizzewweg u inoltre l-propjeta’ mmobiljari in kwistjoni kienet inxtrat in kompropjeta’ mill-kovenut u l-kjamata in kawza qabel iz-zwieg. Dan effettivament jirrizulta mill-kuntratt tat-22 ta’ Jannar 1996 ( a fol. 43 et seq. ) in atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia u t-Tribunal jirritjeni li l-attrici setghet stabbiliet dan il-fatt qabel ma’

ntavolat l-avviz odjern izda in vista tal-multitudni ta' eccezzjonijiet ohra nfondati u ntizi biss sabiex jahlu l-hin ta' dan it-Tribunal, kif spjegat aktar il-fuq, it-Tribunal jirritjeni li din l-ewwel eccezzjoni tal-kjamata in kawza ghandha tigi michuda.

Illi l-konvenut u l-kjamata in kawza eccepew ukoll l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal 'rationae materiae u rationae lege. Fir-risposti minnhom prezentanti kemm il-konvenut kif ukoll il-kjamata in kawza jsostnu li din l-inkompetenza hija ovvja u qalu li kienu ser jelaboraw ulerjorment dwarha waqt it-trattazzjoni tal-kawza, izda jrid jigi rilevat li huma effettivament naqsu milli jispjegaw,  jew b'xi mod jissostanzjaw, din l-eccezzjoni. Ghal kull buon fini izda, t-Tribunal jirribadixxi li d-dritt ghall-kumpens ghall-appogg huwa 'jus in personam' u kwindi t-talba tal-attrici taqa' fil-parametri tal-Artikolu 3 tal-Kap. 380. It-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut kif ukoll it-tielet eccezzjoni sollevata mill-kjamata in kawza qed jigu ghalhekk michuda.

Illi fit-tieni eccezzjoni taghha l-kjamata in kawza eccepiet li hija u l-konvenut ma kellhomx 'locus standi' fil-kawza odjerna stante li ma kienux ghadhom propjetarji tal-fond numru 15, Triq Bir l-Iljun, ir-Rabat. Din l-eccezzjoni hija nfondata stante li mill-provi rrizulta ampjament u inekwivokabilment li fid-data li fiha giet intavolata l-kawza odjerna, u cioe' fit-8 ta' Gunju 2001, il-konvenut u l-kjamata in kawza kienu ghadhom propjetarji tal-fond 'de quo'. Mix-xhieda tal-konvenut Montesin moghtja fis-seduta tas-17 ta' April 2002 fil-fatt jirrizulta li l-fond in kwistjoni inbiegh lil terzi f'Lulju 2002. Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.

Illi t-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut hija identika ghar-raba' eccezzjoni sollevata mill-kjamata in kawza u dawn l-eccezzjonijiet gew sorvolati bir-riduzzjoni u cessjoni li saru mill-attrici fis-seduta tal-25 ta' Frar 2002 fejn giet ceduta t-talba ghad-danni u l-attrici llimitat it-talba taghha biss ghall-kumpens dovut ghall-appogg.

Illi fir-raba' eccezzjoni tal-konvenut u l-hames eccezzjoni tal-kjamata in kawza nsbu li huma qeghdin jeccepixxu n-nullita' tat-talbiet attrici stante li l-ammont mitlub jirrigwarda biss fehma ta' parti wahda u ghalhekk jkunu jridu jitqabbdu esperti teknici ghall-iskopijiet ta' likwidazzjoni. Waqt it-trattazzjoni orali  l-avukat difensur tal-konvenut u l-kjamat in kawza kkontenda li x-xhieda tal-Perit Joseph Delia ma kienetx accettabbli stante li kienet xhieda 'ex parte' li ma gietx accettata mill-partijiet  kollha nteressati. Apparti l-fatt li l-konvenut u l-kjamat in kawza naqsu milli jitolbu n-nomina ta' espert tekniku, t-Tribunal jixtieq jaghmel riferenza ghall-Artiklolu 9 (1) u (2) tal-Kap. 380 fejn insibu li Gudikatur jirregola l-procedimenti quddiem it-Tribunal kif ikun jidhirlu xieraq skond id-dettami tal-gustizzja naturali u li ghandu jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor , jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritjiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jitratta, u ghandu jiddesisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti sabiex jaghtu l-parir espert taghhom.  It-Tribunal jidhirlu li fil-kaz odjern ix-xhieda tal-Perit Delia u r-rapport minnu prezentat huma bizzejjed sabiex huwa jkun jista' jiddeciedi l-kaz u inoltre , kif diga spjegat, il-konvenut u l-

kjamat in kawza ma talbux in-nomina ta' espert tkeniku u l-anqas resqu provi sabiex jikkontradicu x-xhieda moghtija mill-imsemmi Perit Delia. Ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut u l-hames eccezzjoni tal-kjamata in kawza qeghdin ghalhekk jigu michuda.

Illi in kwantu jirrigwarda l-mertu, l-attrici pruvat sodisfacentement permezz tar-ritratti esibiti a fol. 65 tal-process, tar-rapport u tax-xhieda tal-Perit Joseph Delia (a fol.2, 39 u 69) li l-konvenut u l-kjamata in kawza bnew 'washroom' u appoggjaw mal-hajt propjeta' tal-attrici. Il-Perit Delia fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2002 xehed li meta huwa ha l-kejl necessarju, kienu qed isiru xi xoghlijiet fil-fond aggjacenti ma' dak tal-attrici u li huwa ha l-kejl fejn kien qed isir ix-xoghol. It-Tribunal jidhirlu li x-xhieda moghtija mill-Perit hija veritjiera, li r-rapport minnu mhejji huwa ezawrjenti u li certament ma jinnecessitax il-htiega ta' nomina ta' espert tekniku iehor, aktar u aktar meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-ammont mitlub bhala kumpens ghall-appogg. Ghal dawn il-motivi l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kjamata in kawza fil-mertu qeghdin ukoll jigu michuda.

In konkluzjoni, t-Tribunal jixtieq jenfasizza li s-sottomissjoni tal-avukat difensur tal-konvenut u tal-kjamata in kawza waqt it-trattazzjoni orali in kwantu jirrigwarda r-riduzzjoni maghmula mill-attrici u d-depozitu li sar mill-konvenut u l-kjamata in kawza fir-Registru meta huma prezentaw ir-risposti taghhom hija ghal kollox infondata. Huwa fil-fatt ikkontenda li in vista tal-fatt li fil-mori tal-kawza l-attrici rriduciet it-talba originali taghha minn Lm171.46 ghal Lm56.46, l-konvenut u l-kjamata in kawza nkorrew spejjes inutili meta huma prezentaw ir-

risposti rispettivi taghhom stante li l-ammont li kien ikollhom ihallsu kien ikun ferm anqas kieku l-attrici ntavolat il-kawza mill-ewwel ghall-ammont ta' Lm56.46. Din is-sottomissjoni hija ghal kollox inveritjiera stante li d-dritt tar-Registru ghal prezentata ta' risposta fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar hija ta' Lm8.00 (inkluza n-notifika) indipendentement minn kemm ikun l-ammont mitlub. Mir-risposta tal-konvenut ( a fol. 9 ) u dik tal-kjamata in kawza ( a fol. 24) jirrizulta li dawn effettivament hallsu Lm8.00 kull wiehed meta prezentaw dawn ir-risposti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamata in kawza, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut u lill-kjamata in kawza jhallsu lill-attrici s-somma ta' sitta u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm56.46).

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Marzu 2000, u tad-9 ta' Marzu 2001, jithallsu nteraament mill-konvenut u l-kjamata in kawza skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**